**11 ta' April, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D. President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt. LL.D.**

Carmela Camilleri

*versus*

Giuseppe Camilleri ne. et.

**Legat "a limine intus" — Flus u Titoli — Krediti — Depożiti Bankarji — Art. 356 tal-Kodiċi Ċivili.**

*F'legat 'a limine intus" konċepit bi kliem li jsemmgħu l-krediti kollha li jkunu dovuti lit-testatur fl-epoka tal-mewt tiegħu. ta' kwalunkwe ammont u lilu dovuti għal kwalsijasi kawża, huma kompriżi s-somom ta' flus u t-titoli li jkunu depożitati fil-banek meta jmut it-testatur.*

*Mhux argument kontra din l-interpretazzjoni l-fatt li t-testatur ma semmiex it-titoli li jirrappreżentaw flus; għaliex meta ġew imsemmija l-krediti stess, jiġi li ġiet imsemmija ħaġa li hi aktar miċ-ċedoli bankarji u mit-titoli, inkwantokkè dawn tal-aħħar ma humiex ħlief il-prova u l-istrument tal-kreditu biss u xejn aktar. Kieku fid-dispożizzjoni testamentarja ma ssemmewx il-krediti, allura kien ikun veru li l-fatt li fid-dar instabu ċ-ċedoli tal-bank ma kienx ikun biżżejjed biex jikkomprendi l-krediti fil-legat, appuntu għaliex dawk iċ-ċedoli ma humiex ħlief l-istrument tagħhom; imma la ssemew il-krediti fid-dispożizzjoni, dawn għandhom jitqiesu kompriżi fil-legat.*

*Mill-banda l-oħra, ma jistgħax jiġi negat li d-depożiti bankarji huma kreditu tal-ammont depożitat kontra l-banka depożitarja, dipendenti mic-ċedola, jew librett, jew dokument ieħor. Huma kreditu, jekk mhux strettament "ex causa mutui", almenu "ex alia causa debendi".*

*Hu veru li fil-parlata komuni d-depożiti bankarji jissemmew bħala kapitali jew flus fil-bank, u li l-kelma "krediti" aktarx tiġi wżata in riferenza għal flus misluſa, imma, b'dan kollu, il-komprensività tal-portata ġuridika tal-kelma "krediti" tiġġustifika din l-interpretazzjoni; molto più jekk id-dispożizzjoni kontenenti dak il-laxxitu konfrontata mad-dispożizzjonijiet l-oħra tat-testment tkompli ssaħħaħ dik l-interpretazzjoni.*

*Fl-interpretazzjoni ta' legat hija regola illi, meta l-kwistjoni hi dwar il-"kwantitativ" tal-legat, allura l-interpretazzjoni għandha ssir favur l-eredi; u kwistjoni dwar jekk il-krediti mħollija fil-legat jikkomprendux id-depożiti bankarji hija kwistjoni dwar il-"quantum" tal-legat, u għalhekk l-interpretazzjoni għandha tkun favur l-eredi; imma din ir-regola ssofri xi eċċezzjonijiet, fosthom dik meta si tratta minn legat imħolli minn wieħed mill-konjuġi favur il-konjuġi l-ieħor.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni ta' Carmela armla ta' Giovanni Camilleri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna fil-Kompetenza Superjuri bħala Qorti taċ-Ċivil, li biha, wara li ppremettiet li fil-21 ta' April 1957 miet l-imsemmi Giovanni Camilleri, bin il-mejjet Salvatore, li b'testment "unica charta" magħha fl-atti tan-Nutar Giuseppe Camilleri tal-31 ta' Awissu 1932, u preċiżament fl-art. 3, ordna dispożizzjoni "a limine intus" hekk konċepita:— "Lasciano l'un l'altro in piena proprietà tutto ciò che all'epoca della morte di uno di essi si troverà entro la loro casa di abitazione e la bottega annessa, tutto compreso e nulla eccettuato, e quindi inclusi il denaro e gli oggetti di metallo prezioso che talvolta vi esisteranno, nonchè tutti i loro crediti, di qualunque ammonto e per qualsiasi causa,

che a quell'epoca fossero dovuti a chiunque di essi testatori, tutto compreso e nulla eccettuato"; u illi fl-epoka talmewt tal-imsemmi Giovanni Camilleri kienu jeżistu dawn il-flejjes, li ċ-ċedoli tagħhom kienu eżistenti fl-imsemmija dar tal-abitazzjoni tagħhom, jiġifieri:— (1) £1000 fil-Barclay's Bank f'isem Carmela Camilleri — N. 35671/532; (2) £2000 fil-Barclay's Bank f'isem Giovanni u Carmela Camilleri — N. 29636/123; (3) £1000 fin-National Bank f'isem Giovanni Camilleri — N. 6918/19386; (4) £1000 fin-National Bank f'isem Carmela Camilleri N. 5366/18135; (5) £2000 War Loan depożitati fil-Barclay's Bank; li huma kollha ko-akkwisti tal-imsemmija konjuġi Camilleri; u li l-konvenut Dr. Gatt nomine, fl-okkażjoni tal-likwidazzjoni tal-imposta fuq is-suċċessjoni tal-imsemmi Giovanni Camilleri, ippretenda li l-imsemmija depożiti, almenu għal dak li jirrigwarda l-interess tal-istess Giovanni Camilleri, ma jinsabux kompriżi fl-imsemmija dispożizzjoni "a limine intus", kuntrarjament għal dak li tippretendi l-attriċi; talbet li jiġi dikjarat u deċiż li l-imsemmija depożiti jiffurmaw parti u jinsabu kompriżi fl-imsemmija dispożizzjoni "a limine imtus" tal-imsemmi Giovanni Camilleri, billi l-istess dispożizzjoni għandha tikkomprendi dak kollu nkluż taħt l-espressjoni "sostanzi mobili" kif spjegata fl-art. 353 tal-Kodiċi Ċivili; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Dr. Vincenzo Gatt nomine, li rrileva illi fl-art. 3 tat-testment imsemmi mill-attriċi ma jissemmewx la depożiti fil-banek u lanqas titoli li jirrappreżentaw flus, u għalhekk id-depożiti msemmija fiċ-ċitazzjoni ma jistgħux jiġu nklużi fl-imsemmija dispożizzjoni testamentarja; salvi eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ta' dawn il-konvenuti, fejn qalu illi d-domanda hija infondata, għax il-legat ma jikkomprendix id-depożiti tal-Bank u t-titoli tal-fondi pubbliċi msemmija fiċ-ċitazzjoni; salva eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-15 ta' Jannar 1958, li biha ddeċidiet billi ddikjarat li l-flejjes indikati fiċ-ċitazzjoni ma jiffurmawx parti u mhumiex kompriżi fil-legat "a limine intus" ordnat mil-mejjet Giovanni Camilleri fl-art. 3 tat-testment tiegħu publikat minn Nutar Giuseppe Camilleri fil-31 ta' Awissu 1932, u konsegwentement ċaħdet it-talba tal-attriċi; u ordnat li l-ispejjeż, stante l-indoli tal-kwistjoni, jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet; dritt tar-Reġistru nofs għall-attriċi u nofs għall-konvenuti fi kwoti ndaqs bejniethom; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi huwa prinċipju assodat fid-dottrina u fil-ġurisprudenza maltija li "la volontà del testatore domina anche sulle regole del diritto e sulle presunzioni"; però "non aliter a significatione verborum recedi oportet quam cum manifestum est aliud sensisse testatorem", u "cum in verbis nulla ambiguitas non debet admitti voluntatis quaestio" (P.A. "Sciberras Trigona utrinque", 13. 5. 1890, Vol XII, 465);

Illi regola oħra applikabbli f'materja ta' interpretazzjoni testamentarja hija dik li "ove le parole del testamento siano per sè stesse chiare, non è lecito con prove estrinseche restringerne o ampliarne il senso; la disposizione deve restare quella che le parole del testamento importano" (App. "Carolina Mifsud et. vs. Matilde Pullicino et.", 13. 6. 1888, Vol. XI. 633; App. "Axjaq utrinque" 26. 2. 1945, Vol. XXXII-I-178; App. "Micallef et. vs. Tonna", 30. 10. 1950 Vol. XXXIV-I-242);

Illi, kif osservat il-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina f'sentenza reċenti tat-18 ta' Marzu 1957, in re "Farmaċista George Mallia vs. Carmela Mallia", fl-interpretazzjoni ta' testment, meta d-dispożizzjoni hi ċara, għandha tirċievi l-eżekuzzjoni tagħha bħala dak li ried it-testatur. Dik il-Qorti qalet ukoll li wieħed għandu jippenetra l-intenzjoni tat-testatur, iżda "quod senserit testator" għandu jiġi dedott "ex propriis verbis testamenti", u mhux minn fatti estrinsici;

Illi fid-deċiżjoni l-aħħar ċitata hemm rilevati żewġ rego-

li oħra relattivi għall-punt in diskussjoni, u ċjoè:— (a) Ir-regoli astratti ta' interpretazzjoni għandhom jiġu applikati skond il-fiżjonomija diversa tal-fatti tal-każijiet partikulari; u (b) in linea ta' massima, meta l-kwistjoni tkun dwar jekk legat għandux jiġi ammess jew eskluż, l-interpretazzjoni hi favur il-legatarju; jekk tkun dwar l-estensjoni jew kwantità tal-legat, l-interpretazzjoni tkun favur l-eredi (ara woll P.A. "Ribault vs. Scicluna", 5. 6. 1895, Vol. XV, paġ. 162);

Illi bit-testment "unica charta" tal-31 ta' Awissu 1932 il-mejjet Giovanni Camilleri, żewġ l-attriċi, iddispona b'dan il-mod:— "Lasciano l'un l'altro in piena proprietà tutto ciò che all'epoca della morte di uno di essi si troverà entro la loro casa di abitazione e la bottega annessa, tutto compreso e nulla eccettuato, e quindi inclusi il denaro e gli oggetti di metallo prezioso che tal volta vi esisteranno; nonchè tutti i loro crediti, di qualunque ammonto e per qualsiasi causa, che a quell'epoca fossero dovuti a chiunque di essi testatori, tutto compreso e nulla eccettuato";

Illi l-art. 356 tal-Kodiċi Ċivili, li jipprevedi l-legat "a limine intus", huwa simili għad-dispost ta' kodiċijet oħra kontinentali (Franċiż art. 536, Taljan art. 424, Sic. 461, Parma 392, Ticino 167 u 842); iżda l-leġislatur malti ntroduċa xi modifikazzjonijiet biex jaqta' darba għal dejjem il-molteplici konġetturali u varjanti interpretazzjonijiet tal-legat "a limine intus"; u fl-imsemmi artikolu spjega u ċċirkoskriva l-espressjoni "mil-għadba l-ġewwa", jew, kif jingħad fit-test ingliż, "a house with all that it contains" (App. "Marianna Micallef vs. Giuseppe Zammit et.", 12 ta' Novembru 1951, Vol. XXXV-I-190);

Illi l-imsemmija sentenza "Mallia utrinque" tat-18 ta' Marzu 1957 għallmet li d-definizzjoni legali kontenuta fil-liġi ċivili tagħna, tal-legat "mill-għadba l-ġewwa", ma tantx tista' tkun ta' għajnuna, meta fit-testment ma jkunx hemm miżjuda kliem oħra; u dan peress li l-art. 356 jikkontempla biss dawk il-kliem "bla xejn aktar". Hekk ukoll opinat il-Qorti ta' Firenze:— "Quando il testatore non siasi limitato a lasciare la casa con tutto quello che vi si trova, ma abbia

aggiunto altre espressioni, la disposizione dell'articolo 424 non è più allegabile per la interpretazione del legato" (Fadda, Giurisprudenza sul Codice Civile Italiano, comm. art. 421-424, paġ. 63, para. 64);

Illi, kif premess fl-att taċ-ċitazzjoni, fl-epoka tal-mewt tat-testatur Giovanni Camilleri nstabu fid-dar tal-abitazzjoni tiegħu ċ-ċedoli in kwistjoni, li juru depożiti magħmulin f'isem id-decujus jew f'isem l-attriċi f'Banek lokali;

Illi l-pont devolut għas-soluzzjoni minn din il-Qorti huwa jekk fil-kliem adoperat mit-testatur għandhomx jiġu kompriżi jew le l-imsemmijin ċedoli. Infatti, fil-waqt li l-attriċi tippretendi li t-testatur fil-legat "a limine intus" li ħalla favur tagħha kkomprenda dawk id-depożiti, għaliex dawn jidħlu taħt id-deżinjazzjoni ta' krediti, għall-kuntrarju, il-konvenuti proprio et nomine jallegaw li l-fatt stess li il-decujus semma biss espressament flus u krediti, juri li huwa ma riedx jinkludi fil-legat "de quo' l-imsemmija ċedoli, li ma jistgħux jiġu ritenuti krediti, iżda huma titoli li jirrappreżentaw flus;

Illi huwa opportun li jiġu ripetuti t-termini preċiżi taddispożizzjoni testamentarja in eżami, u ċjoè:— "Lasciano l'un l'altro in piena proprietà tutto ciò che . . . . si troverà entro la loro casa di abitazione e la bottega annessa, tutto compreso e nulla eccettuato, e quindi inclusi il denaro e gli oggetti di metallo prezioso . . . nonchè tutti i crediti . . . . ";

Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, f'sentenza mogħtija fl-20 ta' Mejju 1892 (Vol. XXII, paġ. 541), in re "Grech vs. Sciortino", interpretat il-kelma "denaro", użata mit-testatur, billi qalet li lilha kellu jingħata s-sinifikat normali u ordinarju tal-lingwaġġ komuni, u għalhekk ma tikkomprendix "i titoli o le cedole che rappresentano denaro." Din l-opinjoni ġiet akkolta fis-sentenza reċenti ċitata "Mallia utrinque", li għamlet ukoll riferenza għal bosta pronunċjati tal-Qrati esteri u ngliżi, li minnhom din il-Qorti tħoss li għandha ssemmi espliċitament dik indikata mil-Fadda (op. ċit. ibidem, para. 23):— "I libretti della Cassa di Risparmio non equivalgono a denaro, e perciò non sono compresi nel

legato che un testatore abbia fatto a pro di taluno di tutto il denaro che si trovasse in sua casa al giorno della sua morte";

Illi mill-lokuzzjoni "tutto compreso e nulla eccettuato", li tinsab fit-testment ta' Giovanni Camilleri, ma jistgħax tabilfors jiġi argumentat li fill-legat huma nklużi ċ-ċedoli in kwistjoni; u dan peress li dik il-frażi tirriferixxi għaddiversi speċi ta' oġġetti mobili li t-testatur semma qabel speċifikatament. F'dan ir-rigward hekk irraġunat, naturalment "mutatis mutandis", l-imsemmija sentenza "Grech vs. Sciortino":— "Atteso che dall'espressione 'tutto incluso e nulla eccettuato', usata dal testatore, non si può argomentare che egli abbia voluto comprendere nel legato il detto denaro esistente nel Banco dei Risparmi, perchè il testatore non ha usato da sola la parola 'mobiglia', senza altra aggiunta che ne restringesse il significato, e perchè dall'aggiunta da lui fatta in quel legato delle robe, abiti, . . . . . è facile scorgere che nel concetto del testatore la parola 'mobiglia', benchè tutto compreso e senza veruna eccezione, aveva una portata assai ristretta e speciale, non estendibile a titoli rappresentativi il denaro . . . . . ";

Illi t-teżi tal-attur hi li fil-kelma "crediti" għandhom jidħlu anki t-titoli li jirrappreżentaw flus;

Illi fil-ħsieb tal-leġislatur, kif espress fl-art. 356 tal-Kap. 23, altru huma l-krediti u altru huma t-titoli li jirrappreżentaw flus; u dan huwa evidenti mir-riflessjoni elementari li, kieku l-liġi tipparifika u tikkunsidra bħala ħaġa identika dawn iż-żewġ xorta ta' oġġetti, kien ikun suffiċjenti il tuża espressjoni waħda ad esklużjoni tal-oħra. Jekk ittitoli li jirrappreżentaw flus huma wkoll krediti, il-konsegwenza tkun li fid-dispożizzjoni leġislattiva jeżistu kliem pleonastiċi — ħaġa li, huwa magħruf, il-liġi tirrifuġġi minnha;

Illi huwa veru li l-kelma "crediti", kunsidrata teorikament, tfisser dan: "creditorum appellatione non hi tantum accipientur qui paecuniam crediderunt, sed omnes quibus ex qualibet causa debetur"; u li, kif irriteniet sentenza ri-

portata fil-Fadda (op. ċit. para. 19), "il significato legale della parola 'credito' non va ristretto ai crediti ordinari, ma comprende anche quelli risultanti dal possesso di titoli commerciali od industriali, e di libretti di risparmio". Din irregola, però, mhix unanimi, kif wieħed jista' jara minn eżami ta' deċiżjonijiet oħra fl-istess opera tal-Fadda, fosthom dik Cioni vs. Masciarelli tat-12 ta' Diċembru 1871, u l-oħra Barberis vs. Testa tal-4 ta' Marzu 1899, minn fejn jidher li "il denaro e i suoi rappresentativi" għandhom jiftiehemu bħala oġġetti distinti mill-"crediti", peress li taħt l-ewwel deżinazzjoni jaqgħu "le rendite del debito pubblico e le cartelle fondiarie", mentri bil-kelma "crediti" għandu jiftiehem biss "crediti chirografari, ipotecari e cambiari", "e ciò quando anche nessun credito sia caduto nella successione";

Illi dan l-istess sinifikat jingħata fis-sistema legali ngliż lill-kelma "debt", il-lum eżistenti fil-versjoni uffiċjali tal-liġi. Infatti, fil-"Judicial Dictionary" ta' Stroud, "debt" huwa definit bħala "a sum payable in respect of a liquidated money demand recoverable by action, a liquidated money obligation for which generally speaking an action will lie". U P.G. Osborn, fil-"Concise Law Dictionary", paġina 85, rigward il-kelma "debt", li jiddefinixxi "a sum of money due from one person to another", jispjega d-diversi xorta ta' krediti hekk:— "Debts are (1) of record, i.e. recognisances and judgment debts; (2) specialty debts, created by deed; (3) simple contract debts";

Illi, oltre l-konsiderazzjonijiet premessi, għandu jiġi osservat li mill-istudju tal-ġurisprudenza sekolari tal-Qrati lokali ċ-ċedoli bankarji ġew dejjem kostantement ritenuti bħala titoli li jirrappreżentaw flus, u qatt bħala krediti;

Illi għal din il-konklużjoni wieħed jasal ukoll faċilment meta jeżamina kif il-kelma "crediti" u dawk "titoli li jirrappreżentaw flus" ġew tradotti fit-testi attwali, ingliż u malti, u ċjoè:— "Documents of title of money . . . . and debts due or other rights" — "titoli li jissarfu flus . . . . . krediti jew jeddijiet oħra";

Illi din il-Qorti, fis-sentenza tagħha "Michel Angelo Grima et. vs. Maria Camilleri", tal-15 ta' Settembru 1883, qalet, li, għalkemm "stricto jure" depożitu bankarju jimporta kreditu, però mhux kreditu "ex causa mutui vel alia causa debendi", kif għandu jkun biex jiġi kompriż taħt il-kelma "credito" kif użata fl-art. 356 ġa ċitat;

Illi divers kien ikun il-każ kieku t-testatur ħalla favur l-attriċi anki t-"titoli di credito"; għaliex dawn "significano gli strumenti originali per mezzo dei quali è costituito e dichiarato il credito, e tale significato conviene, tra vari altri documenti, al libretto del Banco dei Risparmi, come lo strumento originario comprovante il credito del depositante" (App. "Grima et. vs. Camilleri", 28. 3. 1884, Vol. X, 439). Il-fatt li t-testatur ma qalx li ried iħalli lill-martu t-titoli ta' kreditu li kellu jew seta' jkollu, jew il-krediti li d-dokumenti tagħhom kienu jinsabu fid-dar tiegħu jew f'xi post ieħor determinat, ikompli jikkonferma li huwa ma kellux l-intenzjoni li jħalli lill-legatarja l-pjena proprjetà tad-depożiti in kwistjoni, iżda biss, oltre ħwejjeġ oħra, il-krediti l-oħra kollha, intiża din il-kelma fis-sens tagħha ordinarju u normali. Ta' min hawn jirripeti l-fehma tar-Ricci (Corso Teorico Pratico di Diritto Civile, Vol. II, p. 66, para. 43) :— "Ora siccome altro è il credito ed altro è la prova, quindi è che, se non risulti avere il disponente inteso di equiparare per gli effetti del legato la prova al credito, debbonsi i crediti ritenere esclusi dalla più lata espressione che in proposito possa usarsi. Lo stesso è a dirsi in rapporto alle cartelle del debito pubblico, le quali non sono il credito, bensì la prova del medesimo";

Illi "i libretti della Cassa di Risparmio non sono titoli al portatore equiparabili a denaro, bensì titoli di credito o documenti comprovanti un mutuo" (Fadda, no. 89). Hija wisq applikabbli għall-fattispeċje tal-każ preżenti s-sentenza ndikata mil-Cohen (Repertorio, voce Legati, no 398 e 399) :— "Nel legato di tutti i mobili contenuti in una casa, nulla eccettuato, non si comprendono nè i denari nè i titoli di credito; tali titoli di credito non sono parimenti compresi nel legato 'di tutte le somme depositate', nè nel legato in genere 'dei crediti tutti' del testatore";

Illi l-attriċi, fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha, issottomettiet li f'xi deċiżjonijiet tat-tribunali tagħna depożiti simili għal dawk f'din il-kawża ġew kwalifikati bħala krediti. L-ewwel sentenza minnnha riferita (App. Kumm. "Dr. Salvatore Schembri vs. Alfonso Maria Galea", 12 ta' Novembru 1919, Vol. XXIV-I-971) ma nterpretatx il-portata tal-kelma "krediti" fil-kontest tal-art. 356 tal-Kodiċi Ċivili, u f'dik il-kawża ġie diskuss unikament jekk il-Bank fejn jinsabu depożitati għandux dritt jindaga jekk id-depożitant huwiex armel jew le u jekk il-werrieta ta' mart id-depożitant għandhomx xi drittijiet esperibbli kontra dan. Fit-tieni sentenza (Kummerċ, "Miggiani vs. Galea ne.", 15 ta' Diċembru 1900, Vol. XVII-III-105), ċitata wkoll mill-attriċi, ġie deċiż biss li persuna, li favur tagħha wirt jiġi dikjarat miftuħ għal kwota determinata, għandha l-jedd tirċievi, indipendentement mill-kunsens tal-eredi l-oħra, il-porzjoni korrispondenti tal-flus li d-decujus ikun iddepożita għand terzi. Il-premess, għalhekk, juri li ż-żewġ deċiżjonijiet fuq esposti ma jissuffragaw bl-ebda mod it-teżi attriċi;

Illi huwa indubitat li "ciò che interessa di stabilire è quale sia stata l'intenzione del testatore, ed in questa indagine il magistrato, anzichè attenersi strettamente alle parole usate dal disponente, può risalire al pensiero che ha dominato la sua disposizione" (Ricci, op. ċit. Vol. III, para. 96, paġ. 228); iżda huwa daqstant ukoll veru li jekk "ex visceribus testamenti" ma jistgħax jiġi rikavat sens aktar estiż fl-intenzjoni tat-testatur, allura l-kliem għandhom jiġu mifthema fis-sens tagħhom ristrett tal-lingwaġġ komuni;

Illi fil-lingwaġġ komuni l-kelma "krediti" jew "djun" ma tfisserx, la ċedoli bankarji jew titoli oħra li jirrappreżentaw flus, u lanqas titoli oħra bħal War Loan "et similia"; u minn eżami akkurat, tant tad-dispożizzjoni partikulari tal-legat "a limine intus", kemm tad-dispożizzjonijiet l-oħra tat-testment, ma jidherx li hemm xi ħaġa li in vista tagħha s-sens komuni u ordinarju tal-kelma "krediti" jista' jiġi amplijat u estiż;

Illi l-interpretazzjoni ta' testment għandha tiġi mogħ-

tija b'mod li ma jkunux distrutti klawsoli oħra tat-testment; għaliex, ladarba t-testatur jikteb dawk il-klawsoli kollha f'testment wieħed, huwa preżumibbli li ried li kollha jkollhom effett ("Miller vs. Kan. Farrugia", P.A. 10 ta' Gunju 1939, Vol. XXX-II-271);

Illi bl-interpretazzjoni mogħtija minn din il-Qorti lill-legat "de quo" t-testment ta' Giovanni Camilleri jibqa' jseħħ fl-interezza tiegħu, u l-ebda parti minnu ma tiġi b'xi mod newtralizzata. Huwa veru li fl-ewwel parti tat-testment it-testaturi ppremettew li huma riedu jiddisponu "dei loro beni mobili ed immobili, presenti e futuri", u fil-fatt għamlu dawn id-dispożizzjonijiet, jiġifieri:— (1) Fit-tielet artikolu ordnaw il-legat li jifforma l-meritu ta' din il-kawża; (2) Fl-artikolu ta' wara ħallew lil xulxin u reċiprokament l-użu u l-użufrutt tar-rispettivi beni immobili, bid-dispensa mill-kawżjoni u mill-inventarju preskritti mill-liġi; (3) U fl-artikolu ħamsa ddisponew li, wara li jmut is-superstiti fosthom, "l'intero asse che esisterà presso il detto superstite, tanto in proprietà che in usufrutto, alla detta epoca, passi in proprietà in quanto ad una metà agli eredi legittimi del testatore, e per l'altra metà agli eredi legittimi della testatrice, secondo le regola della successione "ab intestato";

Illi dawn id-dispożizzjonijiet testamentarji jirċievu l-eżekuzzjoni tagħhom bla ebda eċċezzjoni, u ċjoè l-attriċi, sopravvissuta għal żewġha, ikollha in użufrutt il-beni stabili kollha ġa appartenenti lill-predefunt, u in proprjetà pjena u assoluta l-beni mobbli kollha tiegħu, ad esklużjoni tat-titoli rappreżentanti flus, ċjoè nofs l-ammonti tal-flejjes indikati fiċ-ċitazzjoni;

Illi, kwindi, anki b'hekk jiġi li l-konjuġi Camilleri ddisponew għal wara mewthom mis-sustanzi tagħhom kollha, "mobili ed immobili, presenti e futuri";

Illi, fl-aħħarnett, għandu jiġi rilevat li meta l-kliem użat fit-testment huma ċari, mhux leċitu li wieħed jagħmel kwistjonijiet dwar il-volontà tat-testatur li għamel dak it-testment; u l-irraġjonevolezza ta' dispożizzjoni f'test-

ment, meta espressa f'termini preċiżi u mhux oskuri, ma tawtorizzax lill-interpreti biex ma jagħtihiex effett; għax l-uffiċċju tal-interpreti huwa dak li jara x'ried it-testatur, u mhux dak li jara x'kien ikun aktar sewwa astrattament li t-testatur irid (P.A. "Nutar Frendo Randon et, vs. Randon et.", 14 ta' Ottubru 1950, Vol. XXXIV-II-684);

Rat in-nota tal-appell tal-attriċi, u l-petizzjoni tagħha li biha talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi jiġi dikjarat illi l-flejjes u effetti oħra ndikati fl-att taċ-ċitazzjoni għandhom jiġu kompriżi u għandhom jiffurmaw parti mill-legat imsemmi fiċ-ċitazzjoni, u billi b'hekk jiġu milqugħa t-talbiet kontenuti fl-att taċ-ċitazzjoni. Bl-ispejjeż tat-tieni istanza biss;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

L-artikolu numru tlieta tat-testment "de quo", li hu in kwistjoni, jgħid hekk:— "Terzo — Lasciano l'uno all'altro reciprocamente in piena proprietà tutto ciò che all'epoca della morte di uno di essi si troverà entro la loro casa di abitazione e la bottega annessa, tutto compreso e nulla eccettuato, e quindi incluso il denaro e gli oggetti di metallo prezioso che talvolta vi esistessero, nonchè tutti i loro crediti, di qualunque ammonto e per qualsiasi causa, che a quell'epoca fossero dovuti a chiunque di essi testatori, tutto compreso e nulla eccettuato";

Il-pont hu jekk f'dan il-legat humiex kompriżi s-sommom ta' flus u t-titoli War Loan depożitati fil-banek li hemm elenkati fl-att taċ-ċitazzjoni;

Għandu jiġi notat li fid-dispożizzjoni in kommento (kif din il-Qorti aċċertat anki bl-ispezzjoni tal-oriġinal tal-att — ara xhieda Nutar Herman Borg fol. 58 u verbal tal-21 ta' Marzu 1958) hemm linjetta wara l-kelma "esistessero" u qabel il-kelma "nonchè", b'mod li d-dispożizzjoni qiesha tikkonsisti f'żewġ parti. U jista' jingħad minn issa li kien naturali li jkun hekk; għaliex mentri fl-ewwel parti hemm

imsemmijin oġġetti materjali, li bħala tali jistgħu jiġu determinati in relazzjoni għal post partikulari (f'dan il-każ dar u ħanut tat-testaturi), għall-kuntrarju, fit-tieni parti hemm imsemmijin "crediti", li huma inkorporali, u għalhekk mhux tali li jeżistu f'post determinat. Jgħid il-Pothier (Dei Testamenti, Capo VII, Sez. I, art. IV, para. 5, paġ. 633):— "Per riguardo ai crediti attivi . . . queste cose sono in sè stesse qualche cosa d'incorporale, che non può esistere in alcun luogo determinato — 1, 18 ff. de inst. vel istrumen., Dig. 1, 41, para. 6". Jistgħu jeżistu f'post determinat l-istrumenti li huma prova tal-kreditu, iżda mhux il-kreditu "ut sic" (ara wkoll Domat, Leggi Civili, Dei Legati, Lib. 3, Tit. 2, sez. 5). Għalhekk hemm dik il-linjetta, bl-effett tagħha diżġuntiv;

Ikkunsidrat;

Fiċ-ċitazzjoni qiesu qiegħed jiġi presuppost li l-legat in parola hu legat "a limine intus"; u l-konvenuti donnhom riedu jieħdu argument kuntrarju għat-teżi tal-attriċi minn daqshekk;

Issa, hu veru li l-imsemmi art. 3 tat-testment jirriferixxi għal dak kollu li jinsab fid-dar u l-ħanut, u f'dan is-sens qiesu jirrikjama l-kliem imfissrin fl-art. 356 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 23 Ediz. Riv.). Imma, minn naħa l-oħra, fid-dispożizzjoni in eżami hemm kliem oħra, u l-fatt li hemm dawn il-kliem oħra jirrendu applikabbli l-interpretazzjoni li tagħti l-liġi tal-legat "a limine intus" kif minnha kontemplat (App. "Mallia utrinque", 18 ta' Marzu 1957; u ara Laurent, Princip. Dto. Civ., Vol. V, para. 523, paġ. 490). Del resto, ġie sanċit fil-ġurisprudenza maltija illi "le supposizioni dello scrivente un atto di citazione che fosse seguita una data convenzione non sono pregiudizievoli all'attore il quale in realtà avesse conchiusa una convenzione diversa" (Vol. VIII, 819; u XXIV-II-674) — prinċipju ovvjament estendibbli għall-każ ta' dispożizzjoni testamentarja. Għalhekk, ebda argument sfavorevoli ma jista' jiġi elevat in bażi għal daqshekk;

Il-każ jeħtieġ li jiġi riżolut in bażi għall-lokuzzjoni

partikulari tad-dispożizzjoni kontrastata. Sewwa, infatti, jirrileva d-Demolombe, IV, n. 738:— "Se vi ha una materia essenzialmente ribelle alla disciplina legislativa, tale è l'interpretazione delle volontà testamentarie, nell'infinita varietà delle loro specie e con tutte le sfumature così diverse .........";

Dan il-konċett ġie espress fis-sentenza "Mallia vs. Dr. Falzon", 29 ta' April 1884, Vol. X, paġ. 460, b'dawn il-kliem:— "Che sebbene molte sieno le regole e le teoriche direttive all'interpretazione nei casi dubbi, tuttavia non bisogna perdere di vista che le regole debbano essere subordinate al concreto dei casi......" U ġie ripetut fis-sentenza tal-Prim'Awla "Micallef vs. Zammit", 7 ta' Mejju 1951, bil-kliem:— "Dak li jingħad astrattament fid-dottrina jrid jiġi konċiljat u applikat skond il-fattijiet partikulari tal-każ li jkun; il-għaliex fil-prattika l-każijiet ivarjaw wieħed minn ieħor b'mod sorprendenti, li kważi jista' jingħad li qatt każ ma juri fiżjonomija ugwali għall-ieħor";

Ikkunsidrat;

Fil-kors tal-argumenti quddiem din il-Qorti ssemmiet iċ-ċirkustanza dwar xi krediti seta' kellhom it-testaturi "meta ġie konfezzjonat it-testment". L-implikazzjoni ta' dan ir-riljev għandha tiġi minn issa skalzata "a planta pedis"; għaliex, kif ġie rilevat fis-sentenza in re "Cutajar vs. Dr. Curmi", mogħtija minn din il-Qorti fil-25 ta' Ġunju 1865 (Vol. III p. 377), "...... la disposizione s'intende fatta e voluta fare per il tempo in cui il testatore avesse cessato di essere in vita". Del resto, f'din id-dispożizzjoni partikulari, jingħad espressament mit-testaturi "non chè tutti i loro crediti...... che a quell'epoca fossero dovuti......";

Għalhekk, il-kwistjoni verament tirriduċi ruħha jekk dawk id-depożiti bankarji u l-War Loan jidħlux fill-lokuzzjoni "non chè tutti i loro crediti, di qualunque ammonto e per qualsiasi causa, che a quell'epoca fossero dovuti a chiunque di essi testatori, tutto compreso e nulla eccettuato";

Ikkunsidrat;

Mhux argument kontra t-teżi attriċi li fid-dispożizzjoni in eżami ma ssemmewx it-titoli li jirrappreżentaw flus; għaliex, meta ġew imsemmijin il-krediti stess, jiġi li ġiet imsemmija ħaġa li hi "aktar" miċ-ċedoli bankarji u t-titoli War Loan, inkwantokkè dawn tal-aħħar mhumiex ħlief il-prova u l-istrument tal-kreditu, biss u xejn aktar (ara in materja analoga Kollez. XVI-II-16). Kieku fid-dispożizzjoni in kommento ma ssemmewx il-krediti, allura kien ikun veru li l-fatt li fid-dar instabu ċ-ċedoli msemmija fin-numri (1) (2) (3) (4) taċ-ċitazzjoni ma kienx ikun biżżejjed biex jikkomprendi l-krediti fill-legat, appuntu għaliex dawk iċ-ċedoli ma humiex ħlief l-istrument tagħhom. Jgħid il-Pothier, fejn jikkommenta (loc. ċit. supra) il-legat "a limine intus" konċepit fit-termini tal-liġi:— "Per riguardo ai crediti attivi, i cui biglietti e cedole si fossero trovati nella casa, è evidente che essi non sono punto compresi in questo legato, perchè questi biglietti e cedole non ne sono che il documento......" Imma f'dan il-każ issemmew, u ġew kompriżi fid-dispożizzjoni testamentarja, il-"krediti";

Issa, ma jistgħax jiġi negat li d-depożitu bankarju huwa "kreditu" tal-ammont depożitat kontra l-Banka depożitarja, dipendenti miċ-ċedola, jew librett, jew dokument ieħor. Huma kreditu, jekk mhux strettament "ex causa mutui", almenu "ex alia causa debendi". Il-War Loan, kif turi l-kelma stess ta' "Loan", hu kreditu "ex causa mutui". Din il-Qorti, fil-kors tas-sentenza Vol. XXIV-I-972, użat l-espressjoni "per quanto sia vero che l'interesse del banco è quello di restituire la somma, oggetto del deposito o del mutuo presso il Banco . . . . "; u l-Qorti tal-Kummerċ, in re "Miggiani vs. Galea nomine". Vol. XVII-III-105, ikkunsidrat depożitu bankarju bħala mutwu "ad interesse". Del resto, dan hu l-konċett dottrinali; inkwantokkè id-depożiti bankarji huma forma ta' depożiti irregolari li jiffiguraw tant id-depożitu kemm il-mutwu. Jgħid il-Pipia, Lib. V, Capo III para. 1447, paġ. 1064:— "Cosicchè devono ritenersi forme improprie di deposito, costituenti nuova manifestazione economico-giuridica, in cui predominano bensì elementi del deposito e del mutuo, ma che danno vita ad

un rapporto di nuova formazione e fisionomia autonoma ed indipendente, e cioè il deposito bancario";

Fil-Fadda, comm. art. 421-424, para. 19, hemm riportata deċiżjoni tal-Cassazione di Firenze, 11 ta' Lulju 1892, li tgħid hekk:— "Il significato legale della parola 'credito' non va ristretto ai crediti ordinari, ma comprende anche quelli risultanti dal possesso di titoli commerciali od industriali e di libretti di risparmio'. U fil-para. 90 ibidem hemm riportata deċiżjoni fejn ġiet kunsidrata dispożizzjoni testamentarja li fiha ġie msemmi "il denaro", iżda mhux ukoll il-"crediti", u fejn ġew esklużi mill-ambitu tal-legat il-libretti tal-"Cassa di Risparmio", għaliex (ara para. 89) dawn ma kienux ekwiparabbli għal flus, imma kienu "titoli di credito o documenti comprovanti un mutuo". Fil-każ preżenti, it-testaturi semmew anki "krediti";

Tal-istess opinjoni hu l-Pacifici Mazzoni, li fil-Vol. I, paġ. 79, para. 67, jiċċita b'approvazzjoni sentenza tal-Appell ta' Torin, miġjuba in nota (1), li f'dispożizzjoni fejn issemmew il-"crediti" irriteniet kompriżi anki "le cartelle del debito pubblico". Anki r-Ricci, Vol. II, paġ. 66, para. 43, jiċċita b'approvazzjoni l-istess sentenza, u oħra tal-Appell ta' Catania, u jgħid:— "Ove per altro, secondo le espressioni usate dal testatore, i crediti debbansi comprendere nel legato, vi si comprende altresì la rendita pubblica, per essere ancora essa un credito";

Il-Qorti tapprezza li fil-parlata komuni d-depożiti bankarji jissemmew bħala kapitali jew flus fil-banek, u li l-kelma "krediti" aktarx tiġi użata in riferenza għal flus mislufa; imma, b'dan kollu, din il-Qorti hi inklinata li takkolji, kif fil-fatt qegħedha takkolji, l-assunt tal-attriċi; mhux biss minħabba l-komprensività tal-portata ġuridika tal-kelma "krediti", kif fuq rilevat, imma anki in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet:—

1. Mhux talli fid-dispożizzjoni "de qua agitur" ma hemm ebda kelma restrittiva, imma, għall-kuntrarju, hemm kliem amplifikattivi. Jingħad, infatti, "non chè tutti i loro crediti di qualunque ammonto e per qualsiasi causa... tutto compreso e nulla eccettuato". Dawn huma kliem li

jagħtu portata estensiva lill-kelma "crediti". U ta' min jinnota li l-kliem "tutto compreso e nulla eccettuato" ma humiex in riferenza għad-dispożizzjoni kollha kemm hi, u kwindi anki tal-ħwejjeġ l-oħra formanti l-oġġett tal-legat, imma qegħedin hemm in riferenza għall-"crediti" biss; għaliex kwantu għall-ħwejjeġ l-oħra diġà kien hemm dik l-istess espressjoni. Il-Qorti tifhem li dik l-espressjoni ma tistgħax topera fis-sens li tbiddel ix-xorta tal-ħaġa legata minn kif indikata fit-testment għal ħaġa oħra diversa, imma bla dubju għandha topera fis-sens li, bħala effett tagħha, ma hemmx lok li ssir distinzjoni bejn kreditu wieħed u ieħor. Il-fatt, mbgħad, li ġiet ripetuta għar-rigward tal-krediti juri li dik il-frażi ma kienetx "mera dizione di stile", jew "usus scribendi" tan-Nutar, imma kienet tikkorrispondi għax-xewqa tat-testaturi li ma jkun hemm ebda limitazzjoni ta' xejn fix-xorta tal-krediti;

2. Hu paċifikament riċevut illi, biex l-interpreti tad-dispożizzjoni testamentarja jasal għall-aċċertament ta' "quod senserit testator", ma għandux jieqaf fil-kliem iżolati tad-dispożizzjoni, imma għandu wkoll jikkonfronta dawk il-kliem mal-kontest tad-dispożizzjoni kollha kemm hi, u anki mad-dispożizzjonijiet l-oħra tat-testment, meta d-diversi dispożizzjonijiet ikunu marbutin flimkien u ma jkunux assolutament indipendenti (ara Kollez. XXXI-I-53; u XXXIV-I-247). Issa, f'dan il-każ, it-testaturi, wara li fl-ewwel żewġ artikoli tat-testment għamlu dispożizzjonijiet għall-funerali u eżekwiji tagħhom, u ħallew laxxiti għal ruħhom, għaddew biex fit-tielet artikolu jagħmlu l-legat "de quo"; mbgħad, fir-raba' artikolu, ħallew lill-xulxin l-użufrutt tal-beni immobili tagħhom urbani u rustiċi; u fil-ħames artikolu ddisponew li l-assi kollu li jkun f'idejn is-superstiti jgħaddi, meta dan imut, nofs lill-eredi leġittimi tat-testatur, u nofs lill-eredi leġittimi tat-testatriċi. Fis-sitt arikolu nnominaw eżekutur tad-dispożizzjonijiet minnhom magħmula "ad pias causas";

Ir-rabta qegħedha bejn it-tielet, raba' u ħames artikolu tat-testment, u bejn l-ewwel paragrafu preambulu tiegħu. Infatti huma bdew biex jgħidu "I quali, volendo disporre dei loro beni, mobili ed immobili, presenti e futuri

*inkwantokkè l-fehma tat-tribunal tal-ewwel istanza f'każ ta' rilevanza tal-provi hi fehma ta' fatt, diskrezzjonali, per regola inċensurabbli.*

*Hu veru li l-punt tar-rilevanza j'sta' minn xi daqqiet jittraxxendi f'punt ta' dritt; imma dan jista' jiġri meta, anki fil-limiti tar-rilevanza, issir vjolazzjoni tal-liġi, jew ikun hemm preġudizzju irriparabbli għall-parti reklamanti.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors li bih ir-rikorrenti talbu li jiġi fissat il-kumpens xieraq għall-okkupazzjoni tal-fond nru. 24 Merchants Street, Valletta, skond il-kriterji tal-Housing Act. 1949;

Rat id-digriet tal-Board tal-14 ta' Jannar 1959, li bih ġew respinti xi provi offerti mir-rikorrenti;

Rat is-sentenza tal-Board tal-5 ta' Marzu 1959, li biha ddeċieda li l-kera jkun £430 fis-sena mill-ġurnata li fiha l-intimat nomine ħa pussess tal-fond jitħallas bit-tliet xhur bil-quddiem, riparazzjonijiet interni ordinarji għall-inkwilin; u ordna li l-ispejjeż jitħallsu mingħajr taxxa;

Il-Board ikkunsidra illi mill-eżami tal-fond (li mhux użat bħala fond ta' abitazzjoni) mill-membri tekniċi tal-Board jirriżulta li l-kera xieraq tiegħu huwa ta' £430;

Rat ir-rikors tal-atturi, li bih appellaw mid-deċiżjoni u mid-digriet fuq imsemmija, u talbu li tiġi revokata (kif ukoll jiġi revokat id-digriet tal-14 ta' Jannar 1959), u li jiġi fissat il-kumpens li ħaqqhom l-appellanti għall-okkupazzjoni da parti tal-appellat nomine tal-fond in kwistjoni, wara li jinstemgħu x-xhieda li l-istess atturi appellanti offrew li jipproduċu quddiem l-imsemmi Board; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Ma hux in kwistjoni li l-fond "de quo" ġie rekwiżizzjonat, u li għalih hu applikabbli, kwantu għall-kumpens, id-dispost tal-art. 11 tal-Att II tal-1949; liema kumpens, però, bid-dispost tal-ewwel subartikolu tal-art. 12 ta' dik l-istess liġi, għandu jiġi fissat mill-Board li Jirregola l-Kera;

Il-punt ta' dritt li fuqu l-atturi jibbażaw l-appell tagħhom jikkonsisti fiċ-ċaħda tal-provi, minnhom offerti fol. 2, 3 u 6, bid-digriet tal-Board fol. 7;

Sabiex jirnexxu fl-assunt tagħhom, jeħtieġ li l-Qorti tkun persważa li dak id-digriet kien jivverti fuq l-"ammissibilità o meno" ta' provi, u mhux biss fuq rilevanza; għax jekk si tratta ta' rilevanza, allura ma hemmx punt ta dritt inkwantokkè l-fehma tat-tribunal tal-ewwel istanza f'każ ta' rilevanza, hi fehma "ta' fatt", diskrezzjonali, per regola inċensurabbli (Vol. XXIV-I-104; XXVII-I-344);

Illi, fil-każ preżenti, kif jidher mit-termini tad-digriet, il-Board ma nterpreta ebda dispost tal-liġi b'mod li daħal f'xi kwistjoni legali ta' ammissibbilità, imma biss qal "peress illi l-kera tal-post għandu jiġi stabbilit mill-membri tekniċi ta' dan il-Board". Dan hu sempliċi ġudizzju ta' irrilevanza ossija superfluwità tal-provi (art. 559(1), inkwantokkè li sostanzjalment il-Board qal li ma kienx hemm bżonn dawk il-provi, għaliex il-Board kellu l-assessuri tekniċi tiegħu;

Illi hu veru li l-punt tar-rilevanza jista' minn xi daqqiet jittraxxendi f'punt ta' dritt, meta, anki fil-limiti tar-rilevanza, issir vjolazzjoni tal-liġi, jew ikun hemm preġudizzju irriparabbli għall-parti reklamanti. Issa, l-appellanti ċċitaw id-dispost tal-art. 11(a) tal-Att tal-1949 fuq imsemmi, u qieshom jippretendu li, skond dak id-dispost, il-Board kien "ex lege" tenut jisma l-provi offerti. Iżda rettament miftihem, dak id-dispost ma hux ħlief kriterju direttiv, li jista', s'intendi, jiġi segwit mill-membri tekniċi tal-Board anki apparti mis-smiegħ tax-xhieda. Lanqas ġie pruvat xi preġudizzju irriparabbli; għaliex din il-Qorti hi ġustifikata taħseb li l-membri tekniċi tal-Board ħadu in konsiderazzjoni l-kriterji kollha opportuni

molto pjù li l-kriterju tal-kera ta' fondi oħra li jkunu "comparable" jirrikorri anki fil-liġijiet partikulari tal-Board tal-Kera;

Għalhekk, ma hemm ebda punt ta' dritt li fuqu jista' jirpoża l-appell tal-atturi; li hu konsegwentement dikjarat irritu u null; bl-ispejjeż kontra tagħhom.